# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, il-Gimgha, 17 ta' Marzu, 2023

Kawza Nru: 26

Rikors Nru: **919/2021 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino (K.I. 555482M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Integral Petroleum SA, soċjeta reġistrata fl-Isvizzera bin-numru ta' reġistrazzjoni CHE-114.480.291 u b'indirizz ta' 6, Rue de la Confederation 1204, Geneva fl-Isvizzera**

**vs**

**Melars Group Limited (C73465)**

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH** ghar-Rikors tas-socjeta` Melars Group Limited (C-73465) tat-28 ta' Ottubru 2022 mressaq ai termini tal-Artikolu 825(2) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors tas-socjeta` Melars Group Limited tat-28 ta' Ottubru 2022;

Rat ir-Risposta tas-socjeta` estera rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2023;

Rat id-Digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2022;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors thalla ghall-llum ghad-digriet li ghandu jinghata fil-miftuh;

**Ikkunsidrat**:

Illi s-socjeta` intimata Melars Group Limited tirreferi ghas-sentenza in parte ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2022 li biha giet deciza il-hames eccezzjoni mressqa mill-istess socjeta` intimata (hawnekk rikorrenti) rigwardanti r-Regolament 3(1) u (2) tal-Ligi Sussidjarja 386.24, u bl-applikabbilita' tal-Artikolu 825(2) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ressqet l-odjern rikors sabiex din il-Qorti tikkoregi jew tbiddel zbalji jew espressjonijiet li mhumiex cari jew li jistghu jinfthiehmu xort'ohra.

Illi l-**Artikolu 825 tal-KAP 12** ighid espressament hekk:

> *825. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.*
> *(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel xejn jinghad illi dan ir-rikors sar entro l-perjodu ta' tletin jum koncessi mill-ligi.

Illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn zewg istanzi partikolari. Fl-ewwel lok ighidu illi l-Qorti kienet zbaljata meta qalet illi r-rikorrenti ma kinitx specifikat ai termini ta' liema xenarju tal-Artikolu 214(5) kienet qed timposta l-azzjoni taghha, peress illi fit-tieni talba taghha fir-rikors promotur, is-socjeta` rikorrenti ghamlet referenza specifika ghall-Artikolu 214(5)(b).

Il-Qorti ssib li dan l-ilment ghandu mis-sewwa, ghaliex in effetti, it-tieni talba fir-rikors promotur titkellem car fis-sens illi s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob l-istralc ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) moqrija mal-Artikolu 214(5)(b).

**F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tilqa' t-talba maghmula mis-socjeta` Melars Group Limited u tiddikjara illi r-rikors promotur ser, meta jkun il-waqt, jigi deciz fil-kuntest tal-premessi u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti estera maghmula ai termini tal-Artikoli 214(2)(ii) u 214(5)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-hawnekk rikorrenti qeghda ukoll tilmenta minn dak li hi ssejjah zbalji fattwali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset qabel xejn illi hija ghamlitha cara fid-decizjoni parzjali taghha illi dik id-decizjoni tal-5 ta' Ottubru 2022 u dak li jinghad fiha m'ghandux jinftiehem jew jigi interpretat illi qed tesprimi ruha fuq il-mertu.

Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi kwalsiasi provi meqjusa ghal finijiet tad-decizjoni moghtija, gew meqjusa, kif espressament maghmul car, fuq livell prima facie. Huwa ghalhekk car illi s-socjeta` hawnekk rikorrenti ser ikollha l-fakolta' kollha illi tirribatti kwalsiasi provi mressqa u tressaq kwalsiasi prova taghha in sostenn tal-posizzjoni taghha, u kwalsiasi fatt meqjus fuq livell *prima facie* fis-sentenza parzjali, mhux ser jincidi fuq l-

ezitu finali tal-procediment. Fuq kollox, kienet il-Qorti stess illi qalet illi "*jimmerita illi hija tara f'aktar dettall jekk jezistux tassew dawn ir-ragunijiet biex iwasslu ghax-xoljiment u konsegwenti stralc*".

**F'dan ir-rigward ghalhekk il-Qorti ma thossx illi hemm xi htiega illi taghmel xi korrezzjonijiet jew tibdil fid-decizjoni taghha tal-5 ta' Ottubru 2022.**

**GHALDAQSTANT,** il-Qorti, wara li rat l-atti, qed tghaddi biex:

a) **Tilqa'** r-rikors tas-socjeta` Melars Group Limited <u>limitatament</u> billi tordna t-thassir tal-paragrafi segwenti mid-decizjoni parzjali taghha tal-5 ta' Ottubru 2022, cioe`,

> *Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti noe. ma specifikax taht liema miz-zewg xenarji kontemplati bl-Artikolu 214(5) qieghed iressaq l-azzjoni tieghu, u l-Qorti ma tistghax teskludi illi ressaq l-azzjoni tieghu bil-ghan illi jipprova z-zewg xenarji.*
>
> *In kwantu l-ewwel xenarju, fuq il-provi prodotti, il-Qorti tista' tiddikjara illi fuq livell prima facie, c-cirkostanzi li wasslu ghall-azzjoni bilfors illi sehhew wara s-16 ta' Marzu 2020, peress illi ma jirrizultax illi qabel id-dati tas-sentenzi esebiti mar-rikors promotur u msemmija fir-rikors kienu inghataw – allura wisq anqas setghet is-socjeta' rikorrenti, tittenta tenforza t-titolu ezekuttiv taghha.*

filwaqt illi tiddikjara illi r-rikors promotur ser jigi deciz fil-kuntest tal-premessi u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti estera maghmula ai termini tal-Artikoli 214(2)(ii) u 214(5)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) **Tichad** dik il-parti tar-rikors fil-konfront tal-ilment l-iehor ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u ghalhekk tordna illi mill-bqija ma jkunx hemm tibdil jew thassir iehor mid-decizjoni parzjali tal-5 ta' Ottubru 2022.

Bl-ispejjes rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**